# AVVIŻI

Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:

Il-Ħadd 6 u 20 ta' April 2003 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 4 u 18 ta' Mejju 2003 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ġunju 2003 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 6 u 20 ta' Lulju 2003 fis-6.30p.m.

1. Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
   Il-laqgħa ta' l-4 ta' Mejju 2003 li taħbat f'għeluq is-17-il sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: http://www.ourladyofconsecration.org

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 54 APRIL 2003 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Ġuża Mifsud waqt laqgħa fil-Girgenti*

## IL-MISSJONI INTERNAZZJONALI TA' ĠUŻA
## (It-Tieni parti)

Tajjeb li niftakru li fil-laqgħa ta' Frar 1987, Ġuża Mifsud kienet qalet, "Minn Malta trid issir il-vera paċi biex tgħaqqad id-dinja kollha." Ħafna jiftakru li f'Diċembru ta' l-1989, f'Malta sar is-summit bejn il-Presidenti Bush u Gorbachev. Waqt il-laqgħa ta' talb li saret fit-3 ta' Diċembru 1989, eżattament dakinhar tas-summit, Ġuża qalet, "bħalma għidtilkom xi sena u nofs ilu, l-paċi minn hawn trid tibda. U minn hawn ħa tibda' l-paċi. Rajna l-bidu tal-paċi jseħħ f'Malta."

Għal din l-okkażżjoni tas-summit, Ġuża kitbet ittra lill-Presidenti Bush u Gorbachev. Din l-ittra ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 1989 u kienet tgħid hekk:

"Għażiż ħija fi Kristu,

Nixtieq li din l-ittra li ġiet mogħtija lilek mis-sema, ma twarrabhiex għaliex fiha grazzji kbar, kemm għalik personali kif ukoll għall-familja tiegħek u għall-proxxmu kollu. Jekk ma jkollokx ċans taqraha f'ħin wieħed, aqraha f'darbtejn jew aktar, iżda aqraha u aqraha kollha għax din l-ittra ġejja mis-sema għalik u għalik biss.

Jiena Ġuża Mifsud, raħlija, ma ngħodd għal xejn, ma jiena kapaċi għal xejn imma sa minn żgħożiti kelli ħafna kuntatti mas-Sinjura tal-Ħajja. Inti lili ma tafnix, imma jiena permezz tal-Madonna nafek ħafna. Jiena nkun ħafna kuntenta meta narak f'xi viżjoni li s-Sinjura tal-Ħajja jogħġobha tagħtini. L-aħħar li rajtek nhar it-3 ta' Novembru 1989, wiċċek kien bi tbissima li tixhed il-grazzja t'Alla għax jien naħseb li inti wkoll tħobbu lil Alla. Jiena nħoss li inti xxurtjat ħafna li l-Madonna tatek dawn il-grazzji kbar.

Il-Madonna qaltli, "Issa li ġej fil-qrib huk Gorbachev, il-President tar-Russja, kellmu bil-qalb u għidlu li jista' jagħmel ħafna u ħafna ġid fid-dinja." Jiena ngħidlek sabiex tqawwi qalbek u tagħmel il-kuraġġ biex jekk Alla jrid il-paċi tibda minn Malta. Komplu aħdmu inti u l-President Bush sabiex id-dinja tirrenja l-vera paċi, dik il-paċi li trid is-sema, li jrid Alla. Ma nkomplux inkissruha d-dinja imma ningħaqdu lkoll fl-imħabba t'Alla, ningħaqdu lkoll u nsiru bħal aħwa.

Minn qiegħ qalbi nixtieq li l-Mulej ikompli jgħinek f'dan il-ħsieb sabiħ u nobbli tiegħek għat-tnaqqis tal-missili u l-armamenti sabiex tittaffa t-tbatija ta' dawk li qegħdin jgħixu f'faqar kbir u titneħħa l-biża' u jinqerdu l-imwiet bl-addoċċ fejn hemm il-gwerer.

Għażiż ħija fil-Mulej, għall-imħabba li għandek lejn il-proxxmu tiegħek, aħdem bis-sħiħ biex dawn il-missili qerrieda illi tant qegħdin jibagħtu nies quddiem it-tribunal t'Alla l-Imbierek, jispiċċaw darba għal dejjem. Il-Madonna meta dehritli u qaltli bit-titular 'Madonna tal-Konsagrazzjoni' qaltli wkoll li hija l-Madonna tal-Paċi u trid iġġib il-paċi fid-dinja kollha. Il-ħarsa tagħha qegħda fuqek, biex inti u l-President Bush, li għandkom f'idejkom it-tmexxija ta' artijiet hekk kbar, iġġibu l-paċi fid-dinja.

Inħeġġek biex dawk il-knejjes li hemm fl-art tiegħek u għadhom magħluqa jinfetħu u jekk jista' jkun ibnu aktar knejjes sabiex Ġesu ta' l-Ewkaristija jimla d-dinja bl-imħabba, jimla d-dinja bil-ġid spiritwali u tispiċċa l-mibegħda li hawn qalb il-ġnus u qalb kulħadd, minħabba l-politika. Il-politika ġġib magħha ħafna nkwiet, dan mhux sewwa, dan il-Mulej ma jridux. Il-Mulej imħabba u paċi jrid u ma jrid illi tittertaq il-qalb ta' ħadd.

Il-Madonna trid illi kulħadd jaqbad id f'id, insellmu lil xulxin, inħobbu lil xulxin u nirrispettaw lil xulxin. Il-gwerer Alla ma jridhomx. Filfatt il-Madonna qaltli, "Alla ħalaq id-dinja biex il-bniedem ikun jista' jgawdiha, imma l-bniedem lid-dinja farrakha, jużaha biex jagħmel il-ħsara lil ħaddieħor, lil ħutu."

U għalhekk, għażiż ħija fil-Mulej, qawwi qalbek, agħmel kuraġġ, u tibża' minn ħadd ħlief minn Alla. La Alla qiegħed miegħek, hadd ma huwa kontra tiegħek u jekk Alla jrid kollox jirnexxi kif trid int.

Jiena ilni ħafna nitlob għalik u ħa nwegħdek li nitlob għalik iżjed biex Alla jkompli jżidlek il-kuraġġ, ikompli jgħinek f'dak li inti tista' tagħmel għall-ġid ta' ħutek, ta' għajrek u tal-proxxmu tiegħek, anka dawk li inti ma tafhomx.

Permezz tal-Madonna jiena kont naf il-mexxejja ta' qablek. Is-Sinjura tal-Ħajja kienet tgħidli biex nitlob ħafna għall-President Breznhev u għall-President Andropov sabiex jersqu lejn il-Mulej. Dwar il-President Cherenenko li jien ukoll tlabt ħafna għalih, il-Madonna qaltli li jista' jkun li wara mewtu kien hemm il-baħħ.

Jien nixtieq ngħidlek li għalik m'hemmx baħħ, il-Madonna qaltli biex nitlob ħafna



u ħafna għalik sabiex Alla jkompli jippredestinalek il-ħajja tiegħek fil-Ġenna. Minn hemmhekk żgur li postok ma jista' johodulek ħadd. Dik il-paċi li intom tagħtu lid-dinja, jekk Alla jrid, issibuha fis-sema.

Flimkien ma din l-ittra qed nibgħatlek kopja tal-fotografija tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni qiegħed isir ħafna ġid u ħafna nies qegħdin jikkonkorru għand il-Mulej. Anka nies li għandhom qalbhom tal-ħadid jew ta' l-azzar għall-fidi wkoll qegħdin irattbuha.

Il-Madonna li hija ommna tifhem id-debulizzi tagħna, tifhem il-ħsieb tagħna. Għalhekk kompli stinka biex permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni li hija wkoll ir-Reġina tal-Paċi issaltan il-paċi tant mixtieqa fid-dinja kollha.

Jalla din il-laqgħa li ser ikollok mal-President Bush tħalli ħafna frott u Malta tkun ix-xrara li tferrex il-paċi u l-imħabba madwar id-dinja; paċi u mħabba li jkomplu jitkattru biż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni f'Mejju 1990.

Jalla l-Mulej u l-Madonna u s-sema kollha jbierku lilek, lill-familja tiegħek u l-proxxmu kollu.

Inselli għalik,

Oħtok fi Kristu, Ġuża Mifsud"

Fil-laqgħa ta' talb li saret fi Frar 1990, Ġuża qalet li kienet irċeviet biljett ta' ringrazzjament iffirmat mill-President George Bush. Dan il-biljett li tpoġġa f'inkwadru fil-kappella tal-Madonna li Ġuża għandha d-dar tagħha jgħid hekk:

Thank you for thinking of me. I appreciate your special remembrance and send you my best wishes. George Bush.

(Nirringrazzjak talli għogbok taħseb fija. Napprezza ħafna l-ħsieb tiegħek u nibgħatlek l-isbaħ xewqat. George Bush).

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*

---

## TALBA MINN ĠUŻA MIFSUD

*(meħuda minn messaġġ minn tagħha)*

Mulej Ġesu', agħmel li d-dinja tapprezza t-tbatijiet li batejt għalina matul il-passjoni, u l-maħfra li minn fuq is-salib tlabt lill-Missier għalija, għal dawk li sallbuk u għad-dinja kollha.

Twajjeb Mulej Ġesu', nirringrazzjawk għal dik l-ikla qaddisa li għamilt ma' l-appostli meta ħallejtilna lilek innifsek fl-Ewkaristija.

Għinna, Mulej Ġesu', biex inkabbru d-devozzjoni tagħna lejn it-tbatija tiegħek u lejk fl-Ewkaristija, ħalli npattu għad-disprezzi li qed tirċievi għax kull min ma jemminx fik mhux japprezza dak li għamilt għall-fidwa tagħna.

# GRAZZJI MAQLUGHA

**J. Grech minn Kerċem, Għawdex** tirringrazzja lil Alla għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**Therese Farrugia miż-Żurrieq** kitbet hekk: Nixtieq naqsam l-esperjenza tiegħi magħkom. F'Mejju 2002 saruli żewġ operazzjonijiet. Wara tant kont muġugħa li kont ngħid li aħjar m'għamilt xejn. F'lejla minnhom ma stajtx nissaporti l-uġigħ u rajt ftit dmija wkoll. Mallejl ma stajtx norqod għax sadanittant kont għarraft lill-Professur tiegħi u qalli biex filgħodu nisbaħ l-isptar biex jarani. Għalhekk, bejn bl-uġigħ u l-ħsieb ta' x'jista' jgħidli l-Professur irqadt kwarta waħda biss.

F'dik il-kwarta ħlomt li qegħda l-Girgenti ħdejn il-Madonna u anka kien hemm statwa ta' Padre Pio li llum huwa qaddis. Kont waħdi u f'daqqa waħda bdiet nieżla xita qawwija. X'ħin stenbaħt ma stajtx inneħħi din il-ħolma minn quddiem għajnejja. Ommi qaltli li tfisser xita ta' grazzji. Innotajt li ma erġajtx rajt dmija, l-uġigħ kien naqqasli u meta mort l-isptar il-Professur qalli li kien kollox sew.

Għamilt wegħda mal-Madonna tal-Girgenti li mmur ngħid ir-rużarju l-Girgenti u li nqassam is-santi tal-Madonna u ta' Padre Pio. Nixtieq inżid ukoll li jiena devota ħafna ta' San Padre Pio u l-Girgenti kont immur ma ommi u missieri meta kont għadni tfal. Issa sirt devota ħafna tal-Madonna tal-Girgenti wkoll.

Ngħid ukoll li saħħti llum hija tajba ħafna u ta' dan nirringrazzja lill-Mulej, lill-Madonna, l-Padre Pio u kulmin talab għalija.

**G. Gerada** tirringrazzja lil Alla għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud.

**D. Bondin** kitbet hekk: Jien kont ilni nisma' b'Ġuża Mifsud u ġieli konna nkunu f'dik il-telgħa li tieħdok għal Had-Dingli fejn konna nilmħu ħafna nies u nisimgħu il-vuċi ta' Ġuża titkellem iżda qatt, lanqas għal kurżità ma inżilna peress li l-Knisja hawn Malta baqgħet ma qalet xejn uffiċċjali.



Darba iżda kont qegħda naqra ktieb fuq il-Madonna fejn qrajt li l-Papa (ma niftakarx liema wieħed kien) kien qal li fejn isiru dawn id-dehriet kulħadd huwa fil-liberta' li jemmen li jrid. Meta qrajt hekk ħsibt f'Ġuża Mifsud li kienet ġa mejta. Jiena u r-raġel tiegħi morna nfittxu l-post u nistqarr li kif dħalna u rajna dik il-knisja mikxufa u għajnejja marru fuq il-Madonna, qabditni tkexkixa bard u għidt li veru hemm l-ispirtu tal-Madonna. Bqajna nżuru l-Madonna ta' spiss. Darba nzertajna l-grupp tat-talb u meta kellimt xi nies li kien hemm qaluli li għandkom il-kotba u l-vidoes. Xtrajt il-kotba u ħadt gost naqrahom għax stħajjitlni li kienet qegħda tkellimni Ġuża stess. Veru li mlewni bil-fidi u bdejt nitlob il-grazzja li kelli bżonn.

Tnax-il sena ilu kont operata fit-thyroid. Wara darbtejn kura fl-Ingilterra kont imfejqa, iżda sentejn ilu reġa' kelli boċċi ġo griżmejja. Jiena xorta bqajt immur għal viżti b'mod regolari l-isptar, iżda kienu jgħiduli li m'għandi xejn. Kull sena kienu jibagħtuli d-demm l-Ingilterra u qatt ma rriżulta xejn. Darba ħassejt uġigħ f'geddumi u kellimt lill-Professur Zammit li operani f'temp ta' ġimgħa.

Illum għall-grazzja t'Alla ninsab imfejqa wara li erġajt ħadt il-kura li kont ħadt qabel. Din id-darba l-kura iżda ħadtha f'Malta. Ir-riżultati ħarġu kollha tajbin u jiena mfejqa. Minn qalbi nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna u l-Ġuża Mifsud u lil Nazju Falzon għax waqt waħda mill-laqgħat fil-Girgenti inzerta li ġie Mons. Philip Calleja bir-relikwija tiegħu u tlabt lilu wkoll.

**N.N. tirringrazzja** lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud talli t-tifel sab ix-xogħol li kien jixtieq.

**N.B. tirringrazzja** lill-Madonna għar-riżultat tajjeb li rċeviet.

**N. N. tirringrazzja** lill-Madonna talli fieqet mill-uġigħ f'saqajha wara li għamlet l-ilma tal-Madonna.

**N.N. tirringrazzja** lill-Madonna għall-feqjan ta' bintha ta' sena li waqet u kellha tbenġila kbira f'wiċċha li iżda nżlitilha f'temp ta' siegħa.

**N.N. tirringrazzja** lill-Madonna u l-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud għaliex għamlet operazzjoni tal-ġebla li rnexxiet.

**Il-familja Scicluna** tirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja speċjali li qalgħet binthom.

**G. Gatt minn Birkirkara** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud talli għamlet operazzjoni tal-kataretti u kienet suċċess.

**M. Caruana minn Birkirkara** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qala' żewġha li qabdu uġigħ kbir f'sidru iżda meta mar għall-X Ray irriżulta li ma kellu xejn.

**J. Bonnici kitbet hekk:** Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja kbira li qlajt. Jiena mradt bl-ażma u f'dawn l-aħħar erba' snin kont kemm-il darba f'xifer il-mewt. Qaluli bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bdejt nitlobha bla waqfien. Meta kien ikolli attakk qawwi ta' l-ażma kont nixrob l-ilma u waqt li ngħid tliet Ave Marijiet kont nitlob lill-Madonna biex tfejjaqni. Għal dawn l-aħħar ħames xhur jiena ninsab imfejqa, qatt ma tani attakk ieħor ta' l-ażma. Ma rridx ninsa ngħid ukoll, li tant kont inkun gravi li lanqas pass wieħed ma kont nagħmel.

**N. Bartolo kitbet hekk:** Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għal żewġ grazzji li qlajt. Waħda kienet meta sabuli boċċa f'sidri iżda l-Madonna tatni l-grazzja li ma kienet xejn milli ħsibt jiena. Kont nagħmel l-ilma u nitlob lill-Madonna u l-Madonna qalgħatli l-grazzja. It-tieni grazzja kienet li ħadt riżultat mediku tajjeb dwar għajnejja. Ta' dan nirringrazzja lill-Madonna bla waqfien.

**G. Debrincat minn Għawdex kitbet hekk:** Nirringrazzjakom għat-talb li tlabtu għalija meta kont dieħla l-isptar biex nagħmel l-operazzjoni tal-ftuq. Wara l-operazzjoni, li għall-grazzja t'Alla rnexxiet, sibt ruħi ma nistax nitħarrek. Xtaqt ħafna li ma ndumx l-isptar, peress li kont ħallejt żewġt itfal warajja. Ġara li wara jumejn li għamilt l-operazzjoni, filgħodu kmieni ħassejt qawwa kbira u determinazzjoni li rrid nimxi biex inkun nista' mmur lura d-dar. Ippruvajt inqum mis-sodda u bl-għajnuna ta' waħda nurse, fi ftit hin sibt ruħi li nista' nimxi.

Żgur li t-talb li sar għalija u speċjalment bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud ġara li dak li kont xtaqt seħħ malajr. Filfatt dakinhar stess, dak li għamilli l-operazzjoni tani l-permess li mmur lura d-dar.

**C. Elbourne** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-grazzja li qalgħet mingħand Alla bl-interċessjoni tagħhom.

**Katerin Camilleri minn Birzebbugia,** nanna ta' triplets, tirringrazzja lill-Madonna għal kemm waqfet man-neputijiet tagħha b'mod speċjali ma' Maria li għaddiet minn operazzjonijiet serji ħafna.

Waqt laqgħa fil-Girgenti, Maria stess qalet hekk: Jiena Maria, waħda mit-triplets u twelidt bi problema f'qalbi u oħra fil-musrana. L-ewwel operazzjoni għamiltha meta kelli tliet snin u kienet kbira ħafna. Kienet jew ħajja jew mewt għalija, imma ġurnata qabel l-operazzjoni n-nanna laqqgħetni ma' Ġuża Mifsud li qaltli li kollox ser imur sew. Għamilt seba' operazzjonijiet, waħda minnhom tal-qalb. Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Ġuża Mifsud kienu dejjem miegħi u jibqgħu miegħi għall-operazzjonijiet li ġejjin. Grazzi.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*